# Id-Devozzjoni lejn San Ġużepp fl-Isla

kitba ta' Dun Jonathan Farrugia

## Il-Belt li qatt ma ntrebħet – ħarsa storika

Meta l-kavallieri ta' San Ġwann waslu Malta, l-Isla kienet gżira ċkejkna maqtugħa ftit 'il barra minn Bormla u l-Birgu. Kienet mimlija siġar u annimali u kienet magħrufa għall-kaċċa.[1] Kważi anqas jaqagħlna f'moħħna li lokalità li llum ma fihiex roqgħa ħdura, kienet darba mixtla! Fuqha kien hemm biss knisja ċkejkna ddedikata lil San Ġiljan, mibnija fl-1311.[2] Isimha kien *L'Isola di San Giuliano* – il-gżira ta' San Ġiljan, il-patrun tal-kaċċaturi.

Meta waslu l-kavallieri għaqqduha ma' Bormla billi mlew il-baħar bil-ġebel. Wara xi snin il-Gran Mastru Fra Claude de la Sèngle, li kien Sultan ta' Malta bejn l-1553 u l-1557, bidilha minn mixtla għal belt u taha ismu – Senglea. Għall-Maltin iżda, din il-belt baqgħet magħrufha bħala l-Isla (mit-Taljan *isola*).

L-Isla hija l-iċken lokalità ta' Malta, imma l-aktar waħda popolata fl-Ewropa! F'medda ta' inqas minn nofs mil kwadrat jgħixu aktar minn 3000 persuna. Ħafna mis-Sengleani tal-imgħoddi telqu minn belthom minħabba l-Gwerra u ma reġgħux lura. Il-belt kienet prattikament meqruda totalment bejn l-1941 u l-1943.

Il-knisja ddedikata lit-Twelid tal-Madonna nbniet ħmistax-il sena wara l-assedju u mal-faċċata kellha miktubin il-kelmiet MONUMENTUM INSIGNIS VICTORIAE MDLXV ("Monument tar-rebħa glorjuża tal-1565") – u huwa minħabba din il-kitba li l-Festa tat-Twelid tal-Madonna saret magħrufa bħala l-Festa tal-Vitorja jew tal-Madonna tal-Vittorji, għax kien Lejliet il-Festa tat-Twelid ta' Marija li t-Torok telqu minn Malta. Sena wara li tlestiet, fl-1581, din saret il-knisja parrokkjali tal-Belt li kienet għadha kemm saret parroċċa. Fl-1786 il-knisja ġiet elevata għad-dinjità ta' Kolleġġjata Insinji, l-ewwel waħda fil-Kottonera li ġiet mogħnija b'dan il-ġieħ, u mbagħad fl-1798 saret Arċipretali. L-1921 hija meqjusa bħala sena speċjali għas-Sengleani kollha għax f'dik is-sena l-knisja ingħatat it-titlu ta' Bażilka, l-unika waħda fil-Kottonera, u ġiet inkurnata l-istatwa tal-Bambina, l-ewwel statwa li ġiet inkurunata solennement.



Il-Mensa tal-Artal ta' San Ġużepp tal-Isla li turi l-għodda tal-mastrudaxxi.

Il-knisja nqerdet fit-Tieni Gwerra Dinjija u flokha nbniet dik li hemm illum bejn l-1950 u l-1957.

## L-ewwel ħjiel ta' Devozzjoni lejn San Ġużepp

Fl-1585 saret l-ewwel viżta pastorali fil-parroċċa ta' Santa Marija tal-Vittorja. Din tgħid li minbarra l-artal maġġur kien hemm xi artali oħrajn, iżda ma jissemma xejn dwar id-dedikazzjoni tagħhom. L-ewwel referenza ċara għal artal iddedikat lil San Ġużepp, insibuha f'deskrizzjoni tal-knisja magħmula fl-1594,[3] fejn jissemma dan l-artal flimkien ma' tnejn oħra, wieħed iddedikat lil San Pietru u San Pawl u l-ieħor lill-Madonna tar-Rużarju.

Aktar dettalji jinkisbu mill-viżti pastorali li saru mill-Isqof Gargallo u l-Isqof Cagliares. Fl-1602 l-ewwel artal li jissemma wara l-maġġur huwa dak iddedikat lil San Ġużepp u nafu li kien l-ewwel wieħed fuq il-lemin tal-maġġur. Il-kwadru titular tiegħu kien jirrappreżenta lill-Qaddis b'Ġesù ċkejken miegħu.[4] L-artal ma kien nieqes minn xejn, u dan kien ġie mwaqqaf minn Indrì Cassar. Dettall interessanti li joħroġ minn viżta li saret sitt snin wara, huwa li l-kwadru kien impitter fuq it-tila. Mill-viżta tal-Isqof Cagliares tal-1616 nitgħallmu li dan l-artal, kif ukoll l-oħrajn, kienu mdaħħlin ġol-ħajt.[5] Jidher li kien hemm ħafna spazju vojt bejn dan l-artal u l-maġġur għax sal-1931 kienu nbnew żewġ artali oħra, wieħed iddedikat lill-Immakulata u l-ieħor iddedikat lis-Salvatur. Il-viżta tal-istess isqof magħmula fl-1631 tgħid li l-artal ta' San Ġużepp kellu xi nuqqasijiet li kienu diġà ġew innotati fil-viżti ta' qabel, u għalhekk ġie ordnat li fuqu ma jiġux iċċelebrati quddisiet sakemm jiddeċiedi l-kappillan.[6] Fl-istess sena sar legat għal xi quddies li kellu jitqaddes fuq dan l-artal.[7]





L-akbar benefattur ta' dan l-artal, li b'ħidmietu waslet biex titwaqqaf il-Fratellanza, kien Ġużeppi Gandolfo li rabat legat mal-artal fl-1646. Bil-ħeġġa ta' Gandolfo nħoloq skop għal dan l-artal u malajr intrabat ma' qalb il-mastrudaxxi li kienu jaħdmu jgħixu fl-Isla. L-artal bdew jieħdu ħsiebu huma, u wara xi snin urew ix-xewqa li jingħaqdu flimkien fi Fratellanza taħt il-ħarsien tal-mastrudaxxa ta' Nazaret.

## 1665 – Il-Fratellanza ta' San Ġużepp

Dun Franġisku Azzopardi waqqaf il-Fratellanza ta' San Ġużepp fuq l-artal iddedikat lilu sitt snin wara li ġie maħtur Kappillan tal-Isla. Din kienet is-seba' Fratellanza li twaqqfet f'din il-knisja. L-oħrajn kienu tas-Sagrament, ta' San Karlu Borromeo, tal-Karità, tat-Trinità, tal-Immakulata Kunċizzjoni u tal-Madonna tar-Rużarju.

Il-ħaddiema tal-injam li minnhom kienet magħmula din il-Fratellanza ħadmu bis-sħiħ biex jiksbu d-drittijiet kollha fuq l-artal. Wara l-mewt ta' Gandolfo, huma laħqu ftehim ma' bintu Katarina biex din tħalli kollox f'idejn il-Fratellanza li kienet għadha kemm twaqqfet. Il-kuntratt sar f'Jannar tal-1666, għalhekk dan ifisser li l-fondazzjoni tal-Fratellanza bil-fors li saret lejn l-1665.

Sa sentejn wara t-twaqqif tal-Fratellanza, mill-viżta tal-Isqof Buenos, nafu li kien hemm madwar 60 fratell. Sa ħames snin wara l-Fratellanza kellha standard ta' San Ġużepp u sitt konfratiji li setgħu jissellfu lill-fratelli li ma kellhomx waħda tagħhom.

B'xorti ħażina din il-Fratellanza flimkien mal-oħrajn kważi nqerdet għalkollox minħabba l-pesta tal-1675-1676, li fiha mietu 1885 persuna mill-Isla.[8] Fost il-mejtin kien hemm il-prokuraturi tal-fratellanzi kollha, għalhekk għal diversi snin waqfu l-laqgħat, il-purċissjonijiet u d-devozzjonijiet li kienu jxerrdu.

Il-qagħda mwiegħera li ħalliet il-pesta fost il-fratellanzi kienet inbidlet għalkollox sa għaxar snin wara t-tmiem tal-marda. Il-Fratellanza ta' San Ġużepp ma kinitx eċċezzjoni. Mill-viżti pastorali tal-Isqfijiet Molina (1679) u Cocco-Palmieri (1686) nafu li l-artal kien mogħni b'pittura fuq l-injam turi lil San Ġużepp mal-Bambin.

Mill-minuti tal-viżti jidher li din il-Fratellanza kienet meqjusa bħala waħda 'tas-sinjuri', għax kull fratell kull sena kien iħallas tliet darbiet aktar minn membri ta' fratellanzi oħra! Barra minn hekk, il-Fratellanza kienet tieħu sehem fil-funerali tal-fratelli tagħha u toħroġ seba' skudi biex issir quddiesa għal ruħ kull fratell li kien imut. Jista' jkun li l-membri kienu jifilħu jħallsu aktar minn oħrajn għax kienu lkoll nies tas-sengħa.[9]

Minn inventarju li sar fl-1715 fi tmiem il-parrokat ta' Dun Mikiel Testaferrata nafu li l-Fratellanza kellha



Il-Pittura tal-Artal ta' San Ġużepp li turi l-Patroċinju tal-Qaddis fuq il-Familja Mqaddsa u l-Knisja Universali.

żewġ stendardi, wieħed ta' damask abjad u l-ieħor ta' damask vjola; kellha salib, surġentina tal-ebbanu bil-figura tal-qaddis u erbatax-il kunfratija għas-self.

Sal-1739 jidher iżda li l-Fratellanza kienet naqset ħafna mill-importanza li kellha, anke f'għajnejn l-istess fratelli tagħha. Dik is-sena, l-Isqof Alpheran de Bussan għamel viżta pastorali fil-parroċċa tal-Isla u għaliha saret purċissjoni bis-sehem tal-fratellanzi kollha. Il-Fratellanzi tal-Immakulata u ta' San Ġużepp, iżda, ma ħadux sehem, u dan kien għax il-fratelli tagħhom kienu kollha miktubin fi fratellanzi oħra meqjusa bħala aktar importanti, bħal tas-Sagrament, tal-Madonna tar-Rużarju u tal-Kurċifiss, u akkumpanjaw wara l-istendard ta' dawn minflok.

Jidher li l-affarijiet baqgħu sejrin għall-agħar għax meta l-parroċċa tal-Isla waslet biex issir Kolleġġjata fl-1786, fil-viżta pastorali tal-Isqof Labini, li saret bi tħejjija għal dan, jissemmew biss ħames Fratellanzi, u ta' San Ġużepp ma kinitx fosthom. Il-Fratellanza kienet spiċċat, imma dan ma kienx it-tmiem tagħha għax fis-seklu ta' wara kellha tingħata ħajja ġdida.

## Il-ħajja tal-Fratellanza mill-1800 'l hawn

Kitba interessanti ġejja mill-1805, miktuba mill-prokuratur tal-kolleġġjata il-Kan. Dun Serafin Schembri, tagħtina deskrizzjoni tal-knisja fil-bidu tas-seklu dsatax. Fih insibu wkoll deskrizzjoni dettaljata tal-artal ta' San Ġużepp.



Il-pittura fuq it-tila, li hija deskritta bħala 'kbira' kienet turi fiha lill-Madonna fuq il-lemin u lil San Ġużepp fuq ix-xellug, iżomm f'idejh liċ-ċkejken Ġesù. Aktar 'il fuq minn dan kien hemm soprakwadru ovali li fih kien juri l-mewt tal-Qaddis. L-iskannell tal-artal kien ta' njam miżbugħ u f'nofsu kien hemm kaxxa tal-injam indurat u kristall bl-istatwetta tax-xemgħa ta' Ġesù Bambin. Il-mensa tal-artal kienet tal-ġebel b'lapida tal-irħam fiċ-ċentru, waqt li l-faċċata tagħha kienet kollha tal-irħam. Madwar dan kollu kien hemm prospettiva b'erba' kolonni u tiżjin ieħor imnaqqax fil-ġebel.[10]

F'wieħed mill-artali l-oħra, dak tal-Madonna tal-Karità, kien hemm miżmuma xi relikwi ta' San Ġużepp flimkien ma' ħafna relikwi oħra.

Sinjal qawwi tal-ħajja ġdida li kellha din il-Fratellanza jidher minn xi noti li ħalla l-arċipriet Dun Leopoldu Fiteni qrib l-1838, fejn jgħid li l-Fratellanza kellha mitkubin fiha bosta żgħażagħ mimlijin ħeġġa.

Il-kwadru ta' fuq l-artal inbidel fl-1860 ma' wieħed ta' Ġużeppi Bonnici li tħallas minn missieru stess. Dan juri fih il-Familja Mqaddsa u l-Fidi qed tippreżenta l-Knisja lill-Patrun tagħha, u għalhekk huwa magħruf bħala 'tal-Patroċinju'. Għal xi raġuni mhux ċara, ftit tas-snin wara dan inbidel ma' ieħor bla valur. Kien kopja ta' pittura li turi l-mewt ta' San Ġużepp imdawwar bil-Madonna u Kristu. Dan kien sar barra minn Malta u tħallas minn Salvu Caruana.[11]

L-artal tal-Fratellanza, flimkien ma' żewġ artali oħra, sar ġdid u ġie kkonsagrat fil-25 t'Awwissu 1864. F'din is-sena wkoll inbidlet il-prospettiva tal-artal.[12] 35 sena wara dan sar mill-ġdid tal-irħam u ġie kkonsagrat mill-Isqof Senglean Mons. Gaffiero fit-22 ta' Ottubru ta' dik is-sena.

Lejn tmiem is-seklu dsatax il-Fratellanza ta' San Ġużepp għaddiet minn żmien sabiħ li fih ma naqsux okkażjonijiet biex tagħti ġieħ akbar lill-Patrun tagħha. Okkażjoni partikulari kienet fl-1895 meta ġie ċċelebrat il-ħamsa u għoxrin anniversarju minn mindu San Ġużepp ġie maħtur Patrun tal-Knisja Universali. Minbarra l-festi tas-soltu, il-qaddis ġie mfakkar b'quddiesa votiva solenni fit-tielet Ħadd tal-Avvent, meta fl-evanġelju tinqara s-silta tad-dehra tal-Arkanġlu Gabriel lil Ġużeppi fil-ħolm.

Il-kopppletta tal-artal saritilha xi skultura li fiha kienu jidhru l-għodod ta' mastrudaxxa. Prokuratur li żejjen dan l-artal b'ħafna opri, fosthom sett gandlieri tal-metall u ħafna opri tal-fidda, kien Ġużeppi Caruana. Frott ix-xogħol tiegħu jidher l-aktar fil-ġranet tal-festa ta' Marija Bambina.

Dan l-artal ġarrab xi ħsarat fl-ewwel bumbardament li sar fuq l-Isla fis-16 ta' Jannar 1941. Il-kwadru tal-Mewt ta' San Ġużepp inqered.

Wara l-Gwerra, meta l-Bażilka nbniet mill-ġdid,



L-Artal armat għall-festa bl-istatwetti tal-Patrijarki.

l-artal żamm l-istess post u fuqu tpoġġa l-kwadru l-qadim tal-Patroċinju ta' San Ġużepp, xogħol Ġużeppi Bonnici. Sarlu xi restawr u modifikazzjoni minn Carmelo Spiteri.[13] Il-prospettiva l-ġdida hija ferm aktar sempliċi minn dik li kien hemm qabel, u l-mensa tal-artal il-ġdid tal-irħam iġġib mal-faċċata tagħha s-simboli tal-għodda tal-mastrudaxxi, b'hekk ġie mfakkar l-għan ewlieni li għalih kienet twaqqfet il-Fratellanza tliet mitt sena qabel.

## Il-festi f'ġieħ San Ġużepp

Mill-viżti li ssemmew ta' Molina u Cocco Palmieri nafu li fuq l-artal ta' San Ġużepp kienu jsiru żewġ festi, dik ewlenija fid-19 ta' Marzu b'żewġ għosrien u quddiesa, u oħra f'Lulju f'ġieħ l-agunija ta' San Ġużepp li kellha l-ewwel għasar u quddiesa kantata. Il-festa ta' Marzu kien ikollha sebat ijiem ta' preparazzjoni, imsejjħin is-*settena*.[14]

Fl-1715 inqala' xi diżgwid dwar id-daqq tal-qniepen fil-festi li kienu jiġu ċċelebrati f'Malta. L-Isqof Cañaves għalhekk ħareġ direttivi dettaljati dwar kif u meta dawn kellhom jindaqqu. Il-festi titulari u dawk il-kbar tal-Knisja Universali kellu jkollhom erba' moti f'nofsinhar u erba' oħra fil-għaxija bil-qniepen kollha tal-knisja. Festi ta' grad anqas kellu jkollhom tliet moti. Għall-festa ta' San Ġużepp u xi oħrajn fl-Isla jidher li ntlaħaq kompromess għax kienu jindaqqu erba' moti, imma mhux bil-qniepen kollha, u għal inqas ħin milli għall-festa ta' Marija Bambina u l-festi l-kbar l-oħra. L-ewwel referenza għall-purċissjoni fid-19 ta' Marzu ġejja minn din is-sena. Huwa magħruf li fiha ntużat statwa tal-Qaddis.[15]

Lejn l-1728 tpoġġiet statwa devota ta' Ġesù fuq dan l-artal u din ġibdet ħafna devozzjoni. Kienet statwa tax-xemgħa tal-Bambin, imlibbes fi ħwejjeġ għonja. F'idejh kellu salib u kien imżejjen b'ħafna deħbijiet u fided. Id-devozzjoni lejh tant kibret li bdiet issir quddiesa bil-prietka fil-25 ta' kull xahar fuq dan l-artal. Din l-istatwa nbidlet ma' waħda





tal-kartapesta, xogħol Karlu Darmanin, meta nbidel l-artal fl-1864.[16]

Sal-1739, mal-festi li diġà ssemmew bdiet issir Festa oħra fuq dan l-artal, din id-darba biex tfakkar il-Patroċinju tal-qaddis u kienet issir fir-raba' Erbgħa wara l-Għid. Din iżda ma kellhiex il-pompi tal-festi l-oħra u kienet meqjusa biss bħala festa devozzjonali.

Matul is-seklu dsatax il-festa ta' San Ġużepp kienet qed tikber. Is-settena kienet għadha ssir, l-għosrien u l-quddiesa kienu jsiru bil-kant u kien ikun mistieden xi predikatur tajjeb għall-paniġierku. Fil-knisja kien jintrama' d-damask – li kien jiġi misluf mill-Fratellanza tal-Immakulata – mal-pilastri maġġuri u mal-arkata li taħtha kienet tintrama' l-istatwa. Il-festa esterna kienet tinkludi banda żgħira li kienet timxi quddiem il-vara. Kienu jinxtegħlu biż-żejt diversi bnadi minn fejn kienet tgħaddi l-purċissjoni.

Fl-1895 saret festa speċjali f'ġieħ San Ġużepp fit-tielet Ħadd tal-Avvent minħabba li ħabat il-ħamsa u għoxrin anniversarju mill-ħatra tal-Qaddis bħala l-Patrun tal-Knisja. Sar tridu bi preparazzjoni għaliha, bħalma kien isir f'Marzu u lejliet indaqqu l-qniepen.[17]

Biż-żmien sar xi tibdil fil-festi li kienu jsiru f'ġieħ dal-Qaddis. Il-festa ta' Marzu baqgħet issir bit-tridu, imma mingħajr purċissjoni. Dik tal-Agunija li kienet issir f'Lulju spiċċat, waqt li dik tal-Patroċinju kibret, bdiet issir bil-purċissjoni u mxiet għat-tielet Ħadd tal-Għid. Din il-festa kienet issir bil-mużika, u fl-1904 kienet waħda mill-ewwel li ntlaqtu bid-direttivi li ħarġu fil-*Motu proprio* tal-Papa San Piju X kontra l-mużika mhux adatta għall-knejjes li kienet tindaqq fil-festi. Dik is-sena l-festa saret mingħajr solennità fl-għasar ta' qabel il-purċissjoni.

Jidher, li wara l-gwerra, il-festi tal-fratellanzi kollha għajr tal-Madonna tar-Rużarju tilfu l-popolarità. Meta tlestiet tinbena l-Bażilka tal-lum fl-1957, saret diskussjoni dwar dawn il-festi mill-kapitlu fejn fil-minuti naqraw li "kienet issir festa interna għalihom kollha... imma ma jidhirx li hu l-każ li jibqgħu jsiru, għax in-nies ma tiġix għalihom".[18] Minn hemm il-Festa qabdet it-triq tan-niżla u wara xi snin ma baqgħetx issir.

## L-istatwi ta' San Ġużepp

L-ewwel referenza għal statwa proċessjonali ta' dan il-Qaddis insibuha f'inventarju li sar f'Jannar tal-1715[19]

Kien hemm il-ħsieb li ssir statwa oħra ta' San Ġużepp biex titpoġġa fuq l-artal tas-Sodalità tal-kleru li kien fis-sagristija. Din kienet l-idea tal-Arċipriet Fiteni li xtaq jibdel il-kwadru qadim, fi stat ħażin u bla valur artistiku li kien fuq dan l-artal. Hu għalhekk ħeġġeġ lill-Fratellanza biex taħseb għal statwa biex tieħu post il-kwadru. Il-kundizzjoni kienet li d-disinn tal-ħajt ma kellux jintmess. Il-ħsieb kien li flok il-kwadru jitpoġġa kristall u f'nofsu titpoġġa l-istatwa. Il-Fratellanza qablet, sar ir-rikors fid-29 ta' Ġunju 1838 li ġie milqugħ l-għada... imma l-istatwa baqgħet qatt ma saret.[20]

Lejn l-1879 ġiet ordnata statwa oħra tal-kartapesta għand Ġlormu Darmanin, statwarju mill-Isla li kien ħadem seba' statwi oħra li jirrappreżentaw lil dan il-Qaddis għal diversi knejjes ta' Malta. Din ħadet post l-antika, li fil-fatt qatt ma ssemmiet jew dehret iżjed. F'din l-istatwa Ġużeppi jidher xwejjaħ qed iżomm f'idejh lit-tarbija Ġesù. Il-pjiegi tal-mant juru tajjeb il-ħila li kellu Darmanin. Ħdejn saqajn il-Qaddis hemm żewġ anġli żgħar, wieħed qiegħed iżomm ġilju u l-ieħor qed iżomm salib. Dawn ma sarux minn Darmanin li laħaq miet qabel ma lestiehom. Minn meta saret din l-istatwa bdiet tintuża għall-purċissjoni li kienet issir fit-tielet Ħadd tal-Għid, festa tal-Patroċinju tal-Qaddis. Matul il-gwerra, fl-1941, l-istatwa ttieħdet in-Naxxar u mbagħad Birkirkara biex ma tinqeridx. Meta nbniet il-knisja li hemm illum, din tpoġġiet f'nofs il-ħajt tas-sagristija, faċċata tal-bieb ewlieni, fejn fl-imgħoddi kien hemm l-artal ta' San Ġużepp tas-sodalità tal-kleru. L-aħħar darba li din l-istatwa nħarġet proċessjonalment kien fl-1968. Għamlet xi snin tinrama fil-knisja fil-festa, iżda mbagħad lanqas dan ma baqa' jsir. Kienet tiżżejjen b'żewġ dijademi tal-fidda li huma xogħol ta' Paolo Schembri u li huwa maħsub li qabel kienu jintużaw għall-vara l-antika.

## Is-Sodalità ta' San Ġużepp għall-kleru

F'din il-parroċċa kienet ġiet imwaqqfa s-sodalità tal-kleru, u bħalma kienet f'diversi parroċċi oħra, din kellha lil San Ġużepp bħala l-Patrun tagħha. Fiha kienu jinkitbu s-saċerdoti kollha tal-parroċċa, u l-għan ewlieni tagħha kien li jkun hemm sens ta' għaqda bejniethom. M'hemmx wisq informazzjoni dwarha. Nafu li f'kitba tal-1776 kienet tissejjaħ *Fratellanza jew Kongregazzjoni tal-Qassisin taħt il-ħarsien ta' San Ġużepp*.[21]

Din is-sodalità kellha wkoll artal tagħha ddedikat lil San Ġużepp li kien jinsab fis-sagristija tal-knisja. Mid-deskrizzjoni ta' Dun Serafin Schembri tal-1805 nafu li dan kien faċċata tal-bieb ewlieni tas-sagristija u kellu prospettiva skulturata. Kien hemm kwadru antik ħafna tal-Qaddis u aktar 'il fuq minnu kien hemm kwadru tal-Papa Piju VI li kien għolla l-parroċċa tal-Isla għall-ġieħ ta' kolleġġjata. Taħt il-kwadru ta' San Ġużepp kien hemm artal tal-injam impitter li miegħu l-kanonċi kienu jilbsu l-ilbies liturġiku. Il-parti ta' fuq tal-artal kienet tintuża biex fiha jintrefgħu l-kalċijiet, il-pissidijiet u oġġetti oħra, waqt li fil-parti


1884. Una Statua portatile di S. Giuseppe portante sul braccio destro il Bambino e colla mano sinistra tenente un bastone con giglio l'uno e l'altro d'argento, avente esso e il Bambino sue testa un diadema d'argento. Dono del Signor Giuseppe Agius.



L-Istatwa ta' San Ġużepp xogħol is-Senglean Ġlormu Darmanin.

t'isfel kienu jintrefgħu l-pjaneti u l-albi li jintużaw fil-quddies.

## It-tiżjin tal-artal

L-artal ta' San Ġużepp jidher fl-aħjar tiegħu fil-ġranet tal-festa titulari. L-eqdem armar tal-artal huwa l-lampier tal-fidda xogħol Saverio Cannataci li sar fl-1831. Fl-istess żmien fi Sqallija nħadmu l-Karti tal-Glorja, tal-fidda wkoll. Ftit snin qabel il-gwerra sar il-missal tal-fidda għal dan l-artal fuq disinn ta' Ġużeppi Caruana. Fil-ġranet tal-festa, il-gandlieri tal-metall tal-Fratellanza jitpoġġew fuq l-artal tal-Madonna tar-Rużarju waqt li fuq dan l-artal jitpoġġew sett tal-fidda li nħadmu fl-1960 minn Francesco Cassar. Dawn qabel kienu jintramaw fuq l-artal tat-tribuna. Bejn dal-gandlieri jitpoġġew sitt statwetti ta' Wistin Camilleri li jirraffiguraw lil Mosè, Abraham, David, Iżakk, Ġakobb u Ġużeppi. Il-ventartal tal-fidda sar fil-bidu tas-seklu għoxrin fuq disinn ta' Gioacchino Galea u nħadem barra minn Malta. Fih jidhru s-simboli papali. Fl-1984 saret it-terħa tal-bellus irrakkmat bid-deheb, disinn ta' Salvu Bugeja u maħduma mid-ditta Grixti Embroideries.

Fil-puċissjoni jintuża l-istendard abjad bl-istemma rrakkmata bil-ħarir b'disinn ta' żewġ ġilji mxebilkin f'xulxin. Dan huwa stendard prattikament uniku għax l-istendardi tal-fratellanzi ta' San Ġużepp li nsibu f'Malta kważi kollha għandhom l-istendard ta' lewn ikħal. Il-lasta u l-kruċetta tiegħu huma tal-fidda. Is-surġentina tal-Fratellanza hija tal-fidda wkoll bi statwetta tal-qaddis fuqha, kollox xogħol ta' Cannataci. Il-medaljun tal-fidda li kien jintlibes mir-rettur tal-Fratellanza huwa xogħol tal-bidu tas-seklu dsatax.[22]

## Għeluq

Kollox juri li fl-imgħoddi s-Sengleani kellhom qima partikulari lejn dan il-Qaddis. Hija ħasra li llum spiċċat fix-xejn... iżda minkejja dan, żgur li Ġużeppi għadu jħares din il-parroċċa u lil niesha, bħalma huwa dmiru bħala l-Patrun tal-Knisja.

[1] http://en.wikipedia.org/wiki/Senglea

[2] http://www.senglea.net/historical%20dates%201.htm

[3] Alexander Bonnici, *L-Isla. Ġrajjiet il-bażilka-santwarju ta' Marija Bambina* i, Malta 1981, 143.

[4] Arkivju arċiveskovili, il-Furjana, *Visitatio Gargallo*, ms. 7, f. 473v.

[5] Arkivju arċiveskovili, il-Furjana, *Visitatio Cagliares*, ms. 8, f. 317r.

[6] Arkivju arċiveskovili, il-Furjana, *Visitatio Cagliares*, ms 11, f. 502r.

[7] Alexander Bonnici, *L-Isla. Ġrajjiet il-bażilka-santwarju ta' Marija Bambina* ii, Malta 1986, 92.

[8] Alexander Bonnici, *L-Isla. Ġrajjiet il-bażilka-santwarju ta' Marija Bambina* ii, Malta 1986, 106.

[9] Alexander Bonnici, *L-Isla. Ġrajjiet il-bażilka-santwarju ta' Marija Bambina* ii, Malta 1986, 139.

[10] "Serafin Schembri", *Descrizione Chiesa Parrochiale*, Arkivju parrokkjali Senglea, 1805, ff. 68-69.

[11] Alexander Bonnici, *L-Isla. Ġrajjiet il-bażilka-santwarju ta' Marija Bambina* iii, Malta 1991, 165.

[12] Mario Caruana, *Fratellanza u l-altari tagħhom. Is-seba' parti*, Programm tal-festa ta' Marija Bambina, Senglea 2004, 20.

[13] Mario Caruana, *Fratellanza u l-altari tagħhom. Is-seba' parti*, Programm tal-festa ta' Marija Bambina, Senglea 2004, 21.

[14] Alexander Bonnici, *L-Isla. Ġrajjiet il-bażilka-santwarju ta' Marija Bambina* ii, Malta 1986, 187.

[15] Alexander Bonnici, *L-Isla. Ġrajjiet il-bażilka-santwarju ta' Marija Bambina* ii, Malta 1986, 177.

[16] Mario Caruana, *Fratellanza u l-altari tagħhom. Is-seba' parti*, Programm tal-festa ta' Marija Bambina, Senglea 2004, 20.

[17] Alexander Bonnici, *L-Isla. Ġrajjiet il-bażilka-santwarju ta' Marija Bambina* iii, Malta 1991, 226.

[18] Arkivju tal-kolleġġjata ta' Senglea 1952-1990, f. 134.

[19] Alexander Bonnici, *L-Isla. Ġrajjiet il-bażilka-santwarju ta' Marija Bambina* ii, Malta 1986, 189.

[20] Arkivju tal-kolleġġja ta' Senglea, *Ricorsi-Decreti*, Conf. S. Giuseppe.

[21] Arkivju parrokkjali Senglea, *Sodalità dei sacerdoti – libro consulte 1771-1810*, f. 18r.

[22] Mario Caruana, *Fratellanza u l-altari tagħhom. Is-seba' parti*, Programm tal-festa ta' Marija Bambina, Senglea 2004, 21 -23.





